# Mons Patri Pawl Cremona OP Arcisqof Ġdid għal Malta

**AWGURI u GRAZZI**
L-Għaqda Mużikali Sant' Andrija tixtieq tifraħ lil Mons. Patri Pawl Cremona OP għall-ħatra tiegħu mill-Papa Benedittu XVI bħala Arċisqof ta' pajjiżna. Nirringrazzjaw lil Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca għal dawn it-30 sena ta' tmexxija u xogħol ta' fejda.

**Is-Saċerdoti jirringrazzjaw lil Arċisqof Mercieca**
Il-Kunsill Presbiterali ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, magħmul minn saċerdoti li jmexxu numru ta' uffiċċji ta' importanza partikolari, membri nominati, rappreżentanti ta' l-ordnijiet tar-reliġjużi, u membri eletti mis-saċerdoti nfushom, s-Sibt, 2 ta' Diċembru 2006, għadda unanimament riżoluzzjoni ta' radd il-ħajr lil Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca għall-Ħidma tiegħu bħala Arċisqof ta' Malta matul it-tletin sena li għaddew (1976-2006). Il-Kunsill wera l-apprezzament tiegħu għas-sens ta' sagrifiċċju u ta' tbatija li Mons. Arċisqof Mercieca wera tul it-tletin sena ta' tmexxija tiegħu. Il-Kunsill awgura lil Mons. Mercieca il-mistrieħ mistħoqq.

Mons. Arċisqof Mercieca radd ħajr lill-membri kollha tal-Kunsill Presbiterali għall-apprezzament tagħhom u għall-għajnuna kollha li tawh fil-qadi ta' dmirijietu matul it-tletin sena li għaddew.

**Biografija ta' Patri Pawl Cremona OP:**
Patri Pawl Cremona O.P., teologu Dumnikan, twieled fil-belt Valletta fil-25 ta' Jannar ta' l-1946, minn Joseph u Josephine nee Cauchi. Għandu żewġ ħutu oħra; ħuħ ikbar minnu u oħtu iżgħar minnu. Hu ħa l-edukazzjoni primarja tiegħu fl-iskola Montessuori u kompla l-edukazzjoni sekondarja tiegħu fil-Liceo.
Daħal fl-ordni Dumnikan f'Settembru ta' l-1962 u għamel il-Professjoni fl-istess Ordni nhar id-29 ta' Settembru 1963. Studja l-Filosofija u t-Teoloġija fil-Kulleġġ ta' San Tumas ta' Akwinu fil-kunvent tad-Dumnikani tar-Rabat u ġie ordnat saċerdot nhar it-22 ta' Marzu 1969. Hu studja l-filosofija u t-teoloġija fil-Kulleġġ ta' Tumas ta' Aquino fir-Rabat, mnejn ħa d-dottorat fit-Teoloġija Morali fl-1973 fl-Universita' Pontifiċja ta' San Tumas ta' Aquino f'Ruma. Hu studja t-teoloġija Morali fl-Universita' Pontifiċja ta' San Tumas ta' Aquino f'Ruma, fejn kiseb id-Dottorat fl-1973 bit-teżi *'The Concept of Peace in Pope John XXIII.'* Sa l-1973 hu kien jgħallem it-teoloġija morali fil-Kulleġġ ta' San Tumas ta' Aquino.

Fil-Provinċja Dumnikana, Cremona serva bħala Provinċjal bejn l-1981 u l-1989. Hu kien kappillan tal-Parroċċa tal-Madonna ta' Fatima fi Gwardamangia bejn l-1989 u l-1993. Bejn l-1993 u l-1997 kien responsabbli mill-formazzjoni tan-novizzi u l-istudenti dumnikani fir-Rabat,uffiċċju li reġa' kellu għal żmien ieħor qasir bejn l-2004 u l- 2005. Fl-2005, Patri Pawl Cremona ġie maħtur bħala Kappillan tal-Parroċċa ta'Ġesu' Nazzarenu, f'Tas-Sliema.

Patri Pawl serva wkoll bħala President tal-



*Ritratt:* Pierre Fava, Segretarju, Charles Attard, Pina Ciantar u Lucy Gatt rapprezentanti mis-Sezz. Nisa flimkien ma' Mons Arċisqof wara l-quddies fis-Santwarju ta' Santa Tereza B'Kara

Konferenza tas-Superjuri Maġġuri bejn l-1984 u l-1987, kien President tal-Kunsill tal-Formaturi tal-ħajja Reliġjuża bejn l-1993 u l-1995 u kien ukoll delegat ta' l-Arċisqof għall-ħajja Konsagrata sa mill-1995. Fl-1994 ingħata l-medalja Pro Ecclesia et Pontefice. Patri Pawl Cremona ppubblikat t-teżi tiegħu The Concept of Peace in Pope John XXIII fl-1988 u l-ktieb L-Abort - Ħajja jew Mewt, fl-1978.

Riċentement ippubblika wkoll il-ktieb *Il-Knisja Ikona tat-Trinità Qaddisa* kif ukoll, flimkien ma' Patri Ġorġ Frendo, Isqof ieħor Dumnikan, tliet kotba fuq it-temi tat-tliet snin ta' tħejjijia għas-sena 2000 u dwar l-Ewkaristija fis-sena 2000.

**Quddiesa mill-Arċisqof għall-Organizzatturi tal-Festi fil-Parroċċi. - L-ispirtu Nisrani fil-festi**

Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. nhar il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007, iċċelebra quddiesa fis-Santwarju ta' Santa Tereża, Birkirkara, għad-diriġenti u rappreżentanti ta' kumitati, gruppi, assoċjazzjonijiet u każini li jagħtu sehem fl-organizazzjoni tal-festi tal-qaddisin fil-parroċċi.

Mons. Arċisqof spiċċa l-omelija tiegħu b'dawn il-kelmiet. *"Il-missjoni tiegħi, li nixtieq naqsam magħkom hija din: Qegħdin fi żminijiet importanti. Tafu li qegħdin f'dinja li mhux dejjem tgħinna, qegħdin f'dinja sekularista. Kemm hu sabiħ kieku l-enerġija li intom tagħtu -u nirringrazzjakom tagħha. Jien kultant jistagħġbuni nara żgħażagħ qegħdin jarmaw. Alla jbierek; ngħid, 'imma x'enerġija!... Din l-energija kollha, agħmluha parti mill-missjoni tal-Knisja. Kunu miegħi anki f'dan id-dawl: li intom tikkunsidraw, dak li qegħdin nagħmlu jista' jwassal lil xi ħadd biex idur lejn il-Mulej. Jalla l-Mulej, lili u lilkom, jagħtina dawl ġdid, spirtu ġdid, anki jiena għandi bżonnu, biex ħafna u ħafna iktar f'Malta, b'mod speċjali, ikunu jafu lill-Mulej permezz ta' kollox, anki permezz tal-festi li b'tant dedikazzjoni intom tagħmlu f'kull parroċċa.*

*Grazzi mhux biss talli ġejtu, grazzi tal-ħidmiet kollha tagħkom".*